**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Ottubru, 2017

Rikors Guramentat numru : 61/16 AL

A B
(karta tal-identita numru 310671M)

vs

Avukat Dr. Leontine Calleja u l-PL Liliana Buhagiar b'digriet tat-30 ta' Mejju 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E F G (Passport Russu 64 Nru : 7699864)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fis-6 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), gewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta, kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. 'A' ; u
2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal ;

3. Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga, ai termini tal-Artikoli 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

4. Illi l-kunsens tal-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anamolija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

5. Illi oltre dan, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necesarja u opportuna :

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fis-6 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), gewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew : fol. 19a;

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmija E F minnhom rapprezentata. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrent sabiex jipprovdilhom kull

indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmija E F sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghha.

2. Illi huwa l-attur li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi jrid ikun l-attur li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attur qieghed jaghmel fil-konfront tal-intimata huma fondati.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attur u l-konvenuta assenti, li ġie kkontrattat fis-6 ta' Jannar 2012[1], jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[2].

---

[1] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 4

[2] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta

Kull referenza għall-"konvenuta" f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenuta assenti u mhux għall-kuraturi li debitament jirrappreżentawha fl-assenza tagħha.

PROVI

L-**attur** xehed bil-proċedura tal-affidavit[3] fejn huwa spjega li sar jaf lill-konvenuta fl-2009 permezz ta' programm ta' chat. F'Lulju 2011, huwa ddeċieda li jixtrilha biljett tal-ajru sabiex tiġi hawn Malta bil-ħsieb illi jospitaha fl-appartament tiegħu. Hija aċċettat l-istedina tiegħu u ġiet Malta għal ġimgħa. Kollox kien perfett f'din il-ġimgħa *"The week unfolded perfectly and we got on as though we had been living together for years. We had sex a minimum of twice a day. I honestly felt that she was perfect for me. She made me feel totally at ease. I felt that I was living a dream."*

Minħabba dan il-fervur u bil-ħsieb li l-affarijiet ikunu dejjem hekk ward u żahar, fl-aħħar jum taż-żjara tagħha hawn Malta, l-attur talabha biex tiżżewġu, bir-reazzjoni tal-konvenuta tkun illi tinfaqa' tidħak u tgħidlu li jekk s'Ottubru huwa jinżel għall-piż ta' tmenin kilo, hija kienet tiżżewġu. L-attur aċċetta l-isfida tagħha u s'Ottubru niżel għall-piż ta' 75 kilo. F'Ottubru, fit-tieni żjara tagħha hawn Malta, hija kienet iżjed bierda mill-ewwel darba, imma stante li l-intimita` bejniethom ma naqsitx, l-attur xejn ma ta każ u fil-fatt applikaw għaż-żwieġ. Meta ġiet Malta it-tielet darba u cioe f'Diċembru 2011, hija kienet tidher nervuża ħafna u l-attur żbalja dan għall-eċitament mistenni qabel iż-żwieġ.

Huwa żżewġu fis-6 ta' Jannar 2012 fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. Immedjatament wara ż-żwieġ u cioe fit-triq lejn ir-restaurant fejn kellhom jagħmlu festin tal-okkażjoni, *"she turned*

---

[3] Fol. 24

*to me and with a serious face and strong tone, told me "you are ugly and I hate you."* Fil-festin, hija kienet skomda ħdejh u aċċettat li tiżfen miegħu b'reluttanza. Meta marru lura d-dar dakinhar b'differenza mill-ġranet l-oħra ma kellhomx rapporti sesswali. Il-kliem dispreġġjattiv tagħha fil-konfront tiegħu minn dak il-punt 'il-quddiem ma waqafx. Baqgħet tgħajru meta marru jumejn Sqallija wara t-tieġ u wkoll meta ltaqgħu ġewwa Iżrael sena wara. Kliemha dejjem "you are so ugly".

Il-konvenuta marret lura pajjiżha xi tlett'ijiem wara ż-żwieġ għaliex hija qalet li bħala għalliema mal-Gvern kellha taħdem madwar tlieta jew erba' snin oħra fir-Russja biex tikkwalifika għall-pensjoni. Iktar tard imbagħad qaltlu li kellha tibqa' taħdem fir-Russja sal-eta` ta' 55 sena. Imbagħad bdiet tgħidlu li riedet tibqa' r-Russja biex tieħu ħsieb ta' ommha.

L-attur jilmenta li hija kienet tirreżisti li tieħu r-ritratti miegħu u li żżommlu idejh, tirreżisti li tiġi Malta tiltaqa' miegħu. Dejjem tgħajru "stupid" u "ugly" anke quddiem il-familja tagħha, meta mar iżurha ġewwa r-Russja. Fit-triq ma timxix miegħu, ħdejn il-baħar jew ġo resort tgħidlu biex joqgħod in-naħa l-oħra *"She would only stay with me when we'd go shopping or out to eat – basically, whenever she wanted me to pay!"*

Meta mietet ommha baqgħet ma tridx tiġi Malta u ġiet biss għall-btala għaliex huwa aċċetta l-kondizzjoni tagħha li ġġib magħha lil ħabiba tagħha[4]. Pretendiet li hija u l-ħabiba jorqdu fl-*ispare bedroom* u cioe li hija ma torqodx mal-attur. Ma kinitx tistħi turih li għandha maħbub ieħor, anzi nfurmatu li jekk jaċċetta li jkollha rġiel oħra, hija kienet taċċetta li tibqa' hawn Malta[5]. Min-naħa l-oħra hija kienet tippretendi s-sostenn finanzjarju tiegħu bħala żewġha, u hu kien jibgħat ċirka €250

[4] Biljett tal-ajru esebit fol. 38
[5] Ara c-chats ta' bejn il-partijiet fol. 39 et seq.

kull xahar, oltre li jħallas għad-drabi li ltaqgħu it-titjiriet tal-ajru, ir-ristoranti u r-rigali!!!

*"There was a pattern each time we met. She would greet me with insults and offensive comments. Then she would have sex with me – then nothing at all until more or less the end of the holiday. She kept my moods and feelings in control. At one instant she would slam me with comments and a moment later she would be having sex with me. This treatment left me disorientated and not knowing what to expect. I was living in total anxiety... She swept me off my feet and bought me with sex, just until we got married. After that she gave in to having intercourse with me literally as a token. Whenever I mentioned children she would change subject immediately."*

Ilum l-attur jagħraf kemm ġie użat mill-konvenuta li ridietu biss bħala "sponsor" u mhux għax tassew xtaqet illi tkun viċin tiegħu *"just a means to squeeze a monthly payment out of me". "I had to work hard and pay a price to have my wife by my side.. Being with me appeared to be a punishment she had to tolerate."*

Il-**konvenuta** tiċħad l-allegazzjonijiet tal-attur f'sensiela ta' emails skambjati mal-kuratur tagħha. Illi l-uniku valur probatorju li fihom dawn l-emails[6] huwa biex jiġi ppruvat kemm tassew il-kuratur għamlet ħilitha biex tikkomunika mal-konvenuta assenti u li talbitha ripetutament tibgħat il-verżjoni tagħha bil-mezz tal-affidavit, ħaġa li l-konvenuta assenti baqgħet m'għamlitx. Il-kontenut tal-emails tagħha qiegħed jiġi skartat mill-Qorti stante li dawn ma ġew bl-ebda mod minnha ġuramentati.

## PRINĊIPJI LEGALI

[66] Esebiti fol. 49 et. seq

F’dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B’żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(ċ) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista’ mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

***(d) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***(f) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

Illi din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita’ taż-żwieġ *o meno* taħt dawn is-sub-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu **19(1)(ċ)**.

Dwar l-Artikolu 19(1)(ċ) u cioe’ li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista’ mix-xorti tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor[7] fejn ġie dikjarat

[7] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta’ Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)

li *“Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista’ qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`”.*

Espożizzjoni tat-tifsira tal-qerq fit-termini tal-liġi taż-żwieġ tagħna ingħatat fil-kawża fl-ismijiet Mary Farrugia vs. John Farrugia[8]. Il-Qorti sostniet illi l-qerq irid jinċidi direttament fuq l-intellett ta’ xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ u indirettament fuq il-volonta` tal-persuna ngannata. Fil-każ tal-qerq, huwa l-intellett tal-partijiet li jintlaqat mhux il-kunsens. “Kif jispjega il-ġurista Jose' Castano *“Il dolo causa direttamente errore nell’intelletto del paziente, il quale ex errore consente.”* Dan il-qerq jista’ jiġi kemm minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ kif ukoll minn terza persuna. Biex jissussisti l-qerq ravviżat fis-sub artikolu in eżami iridu jikkonkorru erba’ affarijiet:

1) il-qerq jiġi perpetrat bil-ħsieb li wieħed jikseb il-kunsens tal-parti;
2) li l-qerq ikun inċida fuq il-kunsens tal-parti;
3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-oħra;[9]
4) li din il-kwalita` tkun tista’ mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa. Mhux neċessarju li l-ħajja miżżewġa ġiet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel.

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha

---

[8] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta’ Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 1190/94VDG)

[9] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee’ Ignacakova, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta’ Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t’April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL)

għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra.[10] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari[11].

Fis-sentenza fl-ismijiet Stephen Sciberras vs. Avukat Francesco Depasquale et nomine[12] il-Qorti ċċitat dak stipulat fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Louis Agius vs. Georgia Agius xebba Gauci[13], fejn ikkwotat b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur L. Wrenn fil-ktieb tiegħu "Annulment" li sostna li sabiex ikun hemm nullita` ta' żwieġ fuq il-bażi li l-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, huwa meħtieġ li tali kwalita`:

1. tkun waħda inerenti għall-persuna u mhux xi att fil-passat;
2. tkun preżenti fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;
3. tkun gravi jew oġġettivament jew soġġettivament;
4. ma tkunx magħrufa lill-parti l-oħra;
5. tiġi mistura frawdolentement sabiex jiġi ottjenut il-kunsens maritali;
6. trid tipprovoka kriżi meta tiġi skoperta, għax inkella jitqies li l-iżball ma kienx sostanzjali.

[10] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[11] Bħal fil-każ ta' David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1781/1998/1PS)

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili fid-19 ta' Ottubru 1988

Fl-istess kawża ġie ritenut illi *"Il-fatt li daħqet bih għax qabel iż-żwieġ tatu x'jifhem li kienet lesta tbiddel iċ-ċittadinanza u reġa' bdielha sussegwentement għaż-żwieġ ma jistax remotament jiġi allaċċjat ma' dak li tgħid il-liġi b'referenza għal "kwalita` tal-parti l-oħra".* Dan ir-raġunament ġie abbraċċat minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Suparna Das vs. Dr. Leontine Calleja et noe.[14]

Din il-kawżali ġiet ukoll ikkonsidrata fil-każ John Borg vs. Paula sive Polly Borg[15] fejn ġie osservat li:- *Il-leġislatur Malti, iżda, għażel li jillimita l-qerq, bħala kawża ta' nullita' ta' żwieġ, għall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oġġettivament gravi, li jinċidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-għanijiet taż-żwieġ".* Il-Qorti kkwotat lill-awtur **Viladrich** fejn dana sostna illi *"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".*

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(d)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku.

---

[14] Deċiża minn din il-Qorti nhar is-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat: 21/16AL)
[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju 1995 (Ċitazzjoni Numru 591/94VDG)

Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[16]

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette*

---

[16] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

*prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[17]

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[18]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta*

---

[17] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[18] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

*interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [19]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[20]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(f)** tal-Att dwar iż-Żwieġ u tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif ġie spjegat minn din il-Qorti fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[21]**,** *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-*

---

[19] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

[20] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

[21] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996

*volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[22]

Illi taħt l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[23]

Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[24] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi

[22] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000

[23] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP)

[24] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi l-veru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[25]

Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[26], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*.

Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[27] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser l-esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa huma l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għall-komunjoni ta' ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et. noe.[28] elenkat l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala l-kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għall-

---

[25] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[26] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995 (Ċitazzjoni Numru 723/94VGD);

[27] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[28] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta' Lulju 1994

prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[29] u Aquilina vs. Aquilina[30].

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[31] fejn ġie ritenut li "*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu*....*Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*".

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-qerq, tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Illi dwar l-ewwel kawżali tal-qerq, filwaqt illi l-Qorti ma teskludix li kien hemm qerq min-naħa tal-konvenuta, fis-sens illi hija kellha relazzjonijiet ma' raġel u/jew irġiel oħra filwaqt illi kienet

---

[29] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t' Ottubru 1990 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[30] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 1991 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[31] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t'Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP)

miżżewġa lill-awtur, l-istess qerq, jew ossia adulterju, m'huwiex tali li jinkwadra ruħu taħt l-Artikolu 19(1)(ċ) illi jirrikjedi qerq dwar xi kwalita` tal-persuna. L-adulterju, filwaqt illi huwa kawżali għas-separazzjoni, mhuwiex bl-istess mod kawżali għall-annullament.

Inoltre, in-nuqqas ta' disponibilita` tal-konvenuta li titlaq minn pajjiżha u tistabilixxi ruħha hawn Malta ma titqiesx, fil-fehma ta' din il-Qorti, bħala kwalita` inerenti għall-persuna. Illi għalhekk il-qerq fir-relazzjoni in eżami mhuwiex tali li jattira n-nullita taż-żwieġ kif kontemplat mil-liġi tagħna. Kif intqal, bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha. Illi għalhekk il-qerq kif imfisser mil-liġi u l-ġurisprudenza tagħna ċċitata, ma jissussistix fir-relazzjoni in eżami.

Illi dwar il-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u s-simulazzjoni tal-kunsens, hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun faċli li tiddeċifraha. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjuġi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu fir-rigward t'obbligi matrimonjali, fit-tieni, l-konjuġi, jew wieħed minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeliminawhom jew xi wieħed minnhom.

Illi dwar in-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju tal-partijiet, m'hemmx dubju li l-kapaċita` evalwattiva tal-partijiet għaż-żwieġ li kienu deħlin fih, ma kinitx tmur oltre l-illużjoni min-naħa tal-attur u l-logħba min-naħa tal-konvenuta. L-attur li wara ġimgħa ta' sess sfrenat ħaseb li jistgħu jibqgħu sejrin hekk għal dejjem u talabha biex tiżżewġu. Il-konvenuta li rat okkażjoni sabiħa kif tikseb sponsorship mensili mibgħut lilha mill-attur, oltre *perks* oħra bħal xi btala kultant żmien.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tad-difensur tal-attur, illi fin-nota tas-sottomissjonijiet[32] tiegħu jgħid li l-partijiet "daħlu għaż-żwieġ mingħajr għerusija, mingħajr ma saru jafu lil xulxin; mingħajr ma ddiskutew fuq iż-żwieġ innifsu, fuq il-frekwenza, u kif kienu ser jikkoabitaw, u jekk kienx lest jgħix waħdu, jekk martu hix sejra tkun aktar ir-Russja milli Malta, fuq il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, illi kienet tevita li ssemmi."

Fil-fehma tal-Qorti, kien l-attur li ma kellux diskrezzjoni tal-ġudizzju biex jara għal xiex kien dieħel u ma kienx kapaċi jara dak li bniedem oġġettiv seta' jipperċepixxi immedjatament. Illuda ruħu li seta' jibqa' jgħix il-ħolma li l-konvenuta offrietlu fl-ewwel ġimgħa tar-relazzjoni tagħhom.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tqis li l-konvenuta, filwaqt li kienet taf sewwa x'kienu l-obbligi u r-responsabiltajiet taż-żwieġ, għażlet b'att pożittiv tal-volonta tagħha li teskludi l-elementi kollha taż-żwieġ bħalma huma l-permanenza, l-unita`, il-fedelta` u l-prokreazzjoni tal-ulied. Għalkemm il-liġi ma tiddefinixxiex x'inhuma l-"elementi essenzjali" tal-ħajja miżżewġa eppure hu komunament paċifiku illi l-iprem element fiż-żwieġ huwa d-dritt tal-miżżewġin għall-komunjoni tal-ħajja bejniethom ('*communio vitae*').

Dan l-element bażiku kien, tista' tgħid, għal kollox assenti fiż-żwieġ tal-kontendenti. Wara ż-żwieġ, il-konvenuta telqet lura lejn pajjiżha u t-tnejn baqgħu jgħixu appartati u għal rashom f'pajjiżi mbiegħda minn xulxin, għajr għal ftit ġranet sporadiċi. Il-konvenuta minkejja li seta' kellha motivazzjoni ġenwina biex tirritorna pajjiżha, ma kinitx taħtaf l-okkażjoni li tiġi tqatta` l-ħin ma' żewġha fil-vaganzi tagħha bħala għalliema, anzi kienet issib kull skuża biex ma tersaqx lejh. Għaldaqstant, iż-żwieġ tagħhom kien nieqes mill-imħabba u l-motivazzjoni ġenwina li

[32] Fol. 58

joħolqu sħubija vera ta' ħajja komuni flimkien, bid-drittijiet u d-dmirijiet li tali għażla neċessarjament iġġib magħha.

M’hemmx dubju li l-konvenuta eskludiet ukoll l-element essenzjali tal-prokreazzjoni tal-ulied u dana stante li kull darba li l-attur ikellimha dwar dan, hija kienet tevita s-suġġett. Hija eskludiet ukoll l-element essenzjali tal-fedelta`, mhux biss għaliex kellha relazzjonijiet intimi oħra matul iż-żwieġ, iżda wkoll għaliex ipproponiet li dan ikun aċċettat mill-attur, li hija jkollha terzi persuni, oltre lilu fiż-żwieġ. “if you could accept other situation we could be good pair[33].”

Minn dan kollu li jirriżulta mill-atti proċesswali, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma kellux dik il-maturita’ li tagħmlu kapaċi jirrifletti fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa. Inoltre huwa evidenti li l-kunsens tal-konvenuta kien simulat. Hija bl-ebda mod ma xtaqet illi tibni ħajja matrimonjali komuni mal-attur. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova, sal-grad li trid il-liġi li r-raġuni predominanti, b’mod li twarrab skopijiet oħra, il-għala l-konvenuta assenti resqet għaż-żwieġ ma kienetx sabiex tintrabat fiż-żwieġ bid-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-partijiet li jitnisslu minn tali żwieġ. Kif diġa ġie elaborat, dan iwassal għas-simulazzjoni totali taż-żwieġ u konsegwentement għan-nullita tiegħu.`

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

---

[33] Fol. 41

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta assenti fis-6 ta' Jannar 2012 huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal- Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż bejn il-partijiet, b'dan illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.